M24

VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA

CREMONA

# LIL MALTA

(GĦANJA) (1)

Għalkemm ġejt minn art sabiħa,
Art li tħaddar ma' kull żmien, (2)
Art li minnha saret qalbi,
Li nġib miegħi kullimkien,
Daqs il-għasel sibtek ħelwa,
Bint il-baħar, bint ix-xemx :
Malta, Malta, warda bħalek,
Sbejħa u żgħira, ngħid li m'hemmx.

L-isfa sema l-għata tiegħek,
Ħżiemek ikħal daqs in-nir,
L-ajru jtuqek, bard ma jaħqrek,
Art ħanina, omm tal-fqir.
Malta, Malta, ż-żmien fuq sidrek
Kiteb l-egħżeż tifkiriet :
M'hux għalxejn għalik iġġieldu
Ġnus minn l-ibgħad żminijiet.

Min ma jafx il-qalb, il-fehma
Ta' l-ulied li ïnt rabbejt ?
Min ma jafx dik l-Emna mqaddsa
Li bħal sejf tan-nar żammejt ?
Malta, Malta, s-swar li ħammru
B'demm uliedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu 'l-għadu, jirbħu s-snin.

**Dun Karm.**

(1) Din il-Għanja ta' Monsinjur Psaila ġiet immużikata missurmast Karl Maria Artz u kantatha martu, is-Sinjura Jenni, fit-teatru Rjal, fis-26 ta' April li għadda.

(2) Is-Sinjura Jenni Artz, ġejja min-Norveġja u mill-Bavarja—artijiet l-iżjed sbieħ, u ma' tul is-sena dejjem iħaddru, billi x-xmajjar u l-lagi jinsabu bir-rfus.

# IL-KASTELL SANT'ANĠLU.

### IT-TEMPJU U L-KASTELL.

L-istorja tal-Kastell Sant'Anġlu, hija mgħaqqda ħaġa waħda ma' l-istorja ta' Malta bħalma r-ruħ hi magħquda mal-ġisem. Ir-ruħ ta' Malta hu Sant'Anġlu. Ma hemmx għalhekk ġrajja ta' ħtieġa, illi Sant'Anġlu ma kellux is-sehem tiegħu, u x'sehem !

Malli l-barranin jersqu u jidħlu fil-Port il-Kbir, u jitfgħu l-ħarsa mibluha tagħhom, fuq dan is-Sur tal-għaġeb li bħalu, aktarx ma hemmx fid-dinja kif id-dur, l-ewwel mistoqsija li weħida tinbet fil-fomm tagħhom, hi aktarx din : Meta ġie mibni, u minn min ? Għal din il-mistoqsija, sejjer inwieġeb.

It-twaqqif ta' dan il-Kastell, jeħodna l-ura saż-żminijiet l-iżjed qodma; jiġifieri saż-żminijiet tat-Tiri u tal-Feniċi, li dawn, sa kemm nafu, kienu l-ewlenin ġnus, li għammru f'din il-Gżira, xi 1,400 sena, qabel ma deher fid-dinja l-Feddej Alla.

Dawn in-nies, hekk kif waslu hawn, bnew fuq il-*promontorju*, li jsaltan fuq il-port Il-Kbir, Tempju iddedikat lil alla, jew lil mart alla falz, imsemmija : Melitta, imsejħa wkoll : Astart jew Astaroth; illi l-Griegi u r-Rumani, marru nbagħad igħidulha Venere, u kienu lilha jqimu, issa bħala alla ta' l-imħabba, issa tal-kummerċ u issa tan navigazzjoni.

Minn dak li ġa għedna, naħseb (kontra dawk kollha illi jkkupjaw il-kliem ta' storiku *wieħed* u għalhekk anki mitt storiku ma jistħoqqilhomx iżjed minn awtorità waħda) li Malta ħadet isimha mhux mill-kelma *Malet*, li bil-grieg ifisser għasel (għax kabel ma l-Griegi ħadu Malta, fis-sena 700 qabel Kristu, Malta kien ġa jisimha Melitta) iżda dan l-isem wirtitu mit-Tempju magħruf mill-baħrin ta' dak iż-żmien, u dak l-isem bil-mod il-mod ġie mogħti, lid-dwar tat-Tempju sa kemm fl-aħħar wirtitu l-Gżira kif iddur.

Fis-sena 700 Q.K., kif ġâ għedna, il-Griegi għalbu 'l-Feniċi u ħadulhom ukoll dil-Gżira; iżda jgħidu, li x-xtut ħallewhom lin-nies tagħna, u huma bnew u għammru l-qalba tal-Gżira, li l-lum insejħulha l-Imdina. Dawruha bis-swar, u bnew ukoll knejjes lill-allat : Appolline u Proserpina.

Is-setgħa tal-Kartaġiniżi, xterdet mal-Mediterran u dawn wara li għakksu 'l-Griegi u 'r-Rumani, fis-sena 480 Q.K. ħakmu l-Gżejjer tagħna ; u billi bejn il-Maltin u l-Kartaġiniżi kien hemm